# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-11 ta' Frar 2021

**Rikors Numru : 361/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MTC**

**Vs**

**FA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MTC datat 7 ta' Awwissu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u tmenin (29/01/1980) gewwa Malta (kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument A'*

2. *Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment fil-bidu nett tas-sena 1993 fejn il-partijiet isseparaw de facto (kopja tal-affidavit tal-Esponenti hawn anness u mmarkat bhala Dok B);*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 11 ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (11/11/1993), fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman, (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn annessa u immarkata bhala 'Dokument C' u ghalhekk l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn ghoxrin (20) sena;*

4. *Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;*

5. *Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma*

*hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;*

6. *Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn imsemmija r-rikorrenti umilment jitolbu lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fid-29 ta' Jannar 1980 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16;*

2. *Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 6 ta' Lulju 2020 li permezz taghha l-intimat ikkonferma li ma ghandu ebda oggezzjoni ghad-divorzju u li l-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 21);

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MTC** xedhet (vide fol 14) illi hija zzewwget lil FA nhar 29 ta' Jannar 1980 u minn dan iz-zwieg kellha erbghat ulied, kollha maggorenni. Xedhet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet issepraw permezz ta kuntratt ta separazzjoni datat 11 ta' Novembru 1993. Sostniet illi min dakinhar sal-lum, hija qatt ma rrikonciljat ma' zewgha. Ziedet tghid illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment, avolja kien hemm xi perjodu fejn ma kienx ihallas, liema pendenzi gew sorvolati.

**FA** xehed (vide fol 29) li huwa kien mizzewweg lil MTC, u li minn dan iz-zwieg kien hemm t-tfal. Sostna illi iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw xi 22 sena ilu. Xehed illi miz-zmien li sseparaw qatt ma rrikonciljaw u li m'ghandux oggezzjoni ghad-divorzju. Finalment zied jghid illi dejjem hallas l-manteniment ta' martu u ta' wliedu u allura ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Jannar 1980, liema zwieg jgib certifikat numru 137/1980 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A fol 8). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, illum maggorenni (vide kuntratt ta separazzjoni);

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, datat 11 ta' Novembru 1993 (vide Dok. C fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 137/1980 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**